# IL-FOLKLOR MALTI U L-FOLKLOR TAL-MEDITERRAN

ĠORĠ MIFSUD CHIRCOP

CASSAR-PULLICINO, ĠUŻE'. *STUDIES IN MALTESE FOLKLORE.* MALTA: The University of Malta, 1976, xiii + 279pġ. £M1.70.

Il-ħruġ ta' l-aħħar ktieb ta' Ġużè Cassar-Pullicino, *Studies in Maltese Folklore* (The University of Malta, 1976), għandu joħloq ħafna reazzjonijiet differenti hawn Malta: għall-Maltin li jgħożżu l-kultura folkloristika tagħna jiswew sew it-taqsimiet deskrittivi tal-ktieb bħal "A New Look at Old Customs", "Criteria of Physical Attraction and Sex Concepts" u "Beliefs and Practices Relating to Birth and Infancy", kif ukoll it-23 illustrazzjoni, xi wħud minnhom miġbura minn riferenzi tas-seklu l-ieħor. Għall-barranin se jkun titwila mill-aqwa lejn il-kultura Maltija u jaqtgħalhom xi ftit mill-għatx tagħhom dwar "Min huma tabilħaqq il-Maltin?" Imma għall-folklorista studjuż, midħla sewwa tal-folklor Malti, bħala materjal u bħala studju, hemm fil-ktieb mhux biss il-ġbir tad-drawwiet ġodda u l-kumment tal-kittieb fuqhom u fuq id-drawwiet li ilna nafuh, iżda żvilupp ġdid u pożittiv fuq kif Cassar-Pullicino jħares lejn il-folklor fih innifsu u żvilupp ieħor fit-trattament komparattiv mad-dinja Ewropea, l-iktar Sqallija u l-Italja — kif daħlilha tant tajjeb Ninu Cremona (1880-1972) u li, għal xi żmien, mexa fuqu Cassar-Pullicino — għad-dinja Mediterranea, kif idealment jixtieq li kieku jagħmel il-kittieb tagħna llum. (Għax id-dinja Mediterranea hija dinja eqreb lejna u hija biċċa minna: fuq dan diġà kiteb Cassar-Pullicino fl-editorjal tiegħu għall-ewwel ħarġa tal-*Maltese Folklore Review* I i, 1962, paġ. 2.)

Fil-qofol tiegħu *Studies in Maltese Folklore* fih studji li diġa dehru banda oħra mill-1956 'l hawn, imma xi wħud saru sistematizzati u aġġornati skond l-aħħar sejbiet u fehmiet xjentifiċi, u studji ġodda li jmissu s-suġġetti li Cassar-Pullicino ilu jitkellem fuqhom sa mill-1940 — jiġifieri, ix-xjenza u l-istorja tal-folklor Malti (ara, "Maltese Folklore Now" u "Determining the Semitic Element in Maltese Folklore"), il-letteratura popolari (ara, "The Study of Maltese Folktales", "Fr. Magri's Collection of Folktales", "Comparative Data on Some Maltese Riddles" u taqsimiet kbar miż-żewġ Studji "Animals in Maltese Folklore" u "Criteria of Physical Attraction and Sex Concepts"), il-folklor tat-tfulija (ara, "Beliefs and Practices relating to Birth and

Infancy") u drawwiet, fosthom il-festi staġjonali, fissi u mhumiex (ara, "A New Look at Old Customs"), il-laqmijiet (ara, "Social Aspects of Maltese Nicknames") u l-ilbies tradizzjonali Malti (ara, "Notes for a History of Maltese Costume").

Dan ma jnaqqas xejn mill-mertu tal-ktieb. Xi wħud mill-kitbiet jiswew bħala introduzzjoni, jew ħadu aspett ieħor, għax kellhom jitqassru f'dik li hija dokumentazzjoni minħabba t-tul, bħal "Notes for a History of Maltese Costume", "Animals in Maltese Folklore" u "Comparative Data on Some Maltese Riddles". Il-kittieb jinħass ċert minnu nnifsu, għax bil-ħidma tiegħu l-Maltin saru jafu x'jiġifieri "folklor". Ma baqagħlux iktar għalfejn joqgħod jippopolarizza s-suġġett. Dan sar bis-saħħa ta' l-artikli tiegħu bil-Malti u bl-Ingliż fl-erbgħinijiet u l-ħamsinijiet, bix-xandir tiegħu fuq il-mezzi l-oħra tal-kommunikazzjoni u bil-kotba *An Introduction to Maltese Folklore* (1947) u *Il-Folklore Malti* (1960). It-tieni edizzjoni miżjuda (1975) ta' l-aħħar ktieb li għadni kif semmejt tixhed kemm l-għan popolarizzanti kien wasallu ż-żmien li jitlaqqam b'xejriet xjentifiċi.

Imma l-ktieb li għandna f'idejna jrid jibqa' jissemma bħala wieħed mill-aħjar li qatt kellna għat-trattament xjentifiku tiegħu: trattament oġġettiv mibdi fil-bidu tas-seklu minn Hans Stumme, issoktat għall-element Romanz minn Ninu Cremona u miftuħ għall-influwenzi Semitiċi u Romanzi minn Ġużè Cassar-Pullicino. Cremona bilfors kellu jisħaq fuq ir-rabta mill-qrib bejn l-Ewropa u Malta, wara l-iżbalji ħoxnin tat-teorija Feniċja ta' Manwel Magri S.J. (paġ. 83-90), għal kemm ma ċaħadx l-elementi Semitiċi u hemm fejn jurihom fl-istudji tiegħu. Cassar-Pullicino seta' jibni fuqu, jiftaħ l-istudju komparattiv għall-Mediterran kollu u joħroġ b'tagħrif intelliġenti.

F'dan is-sens l-istudju, "A New Look at Old Customs", miktub fl-1968, għandu tifsira kbira: filwaqt li fi studji ta' qabel bħal, *An Introduction to Maltese Folklore* (1947), "Christmas Maltese Folklore" ("The Sundial" III ix-xii, 1943, 256 - 61) u "The Inner Life of the People of Malta" ("Sunday Times of Malta" 21.9. - 26.10.1958), jagħfas fuq id-deskrittiv u jidħol f'xi xebh x'aktarx dejjem ma' l-Ewropa fit-tradizzjoni ta' Cremona u fit-tradizzjoni ta' l-Iskola Antropoloġika Ingliża, li fil-folklor ta' llum tara r-riminixxenzi ta' l-imgħoddi, u fit-tradizzjoni ta' Giuseppe Pitrè, li bil-folklor irid jibni l-istorja qadima, issa, jiġifieri mis-sittinijiet 'l hawn, beda jħares lejn is-suġġett bil-lenti ta' l-Iskola Ingliża u l-Iskola Amerikana ta' llum u jinqeda bil-metodoloġiji tagħhom, bħall-*Motif-Index of Folk-Literature* (1965) (ara, paġ. 58 - 63) ta' Smith Thompson u *English Riddles from Oral Tradition* (1951) (ara, paġ. 94 ff.) ta' Ancher Taylor u jaċċetta l-prinċipji tagħhom. Jiġifieri, l-ikklassifikar tal-ħaġa moħġaġa m'għan-

dux isir skond it-tweġibiet, imma fuq d-deskrizzjonjiet (paġ. 94) u li fil-folklor kritiku, "...one has to proceed on the assumption that if one knows enough about a custom or belief which has survived from the past one could deduce the cultural setting from which it has come to us. At the same time, however, one should bear in mind that Man was not necessarily very different in the past from what he is today, that the past was as unromantic to the previous generations as the present is to ours, that just as there is a tide in the affairs of man, so specific customs tend to ebb and flow, and, finally, that while one tradition may wither away and its memory become romantic to us, others may prosper to such an extent that they become ordinary, even tawdry, and perhaps commercialised.

"Another consideration is that Society, like Nature, abhors a vacuum and if people have forgotten the real meaning of custom they are apt to invent an explanation. This makes it all the more important, in trying to ascertain the origin and modes of transmission of folklore, that one must always seek to trace the sociological and psychological pressures which may have been responsible for its observance and maintenance" (paġ. 15).

Dan kollu ta' min isemmih għax, filwaqt li Cassar-Pullicino mexa 'l quddiem b'dawn il-prinċipji, kittieba oħra dilettanti Maltin tal-folklor għadhom igħixu fit-tradizzjoni tas-seklu l-ieħor. B'hekk, "A New Look at Old Customs" fih ftit jew wisq l-istess materjal deskrittiv Malti fuq id-drawwiet tal-Milied, tal-Karnival, ta' l-Istrina, tal-Ġimgħa l-Kbira u tal-festa tal-patrun li l-kittieb ħareġ fl-istudji u l-kitbiet ta' qabel fuq il-gazzetti bħal, "The Sunday Times of Malta" u "L-Orizzont", imma issa, bil-prinċipji moderni, janalizzahom u jeħodhom fl-evoluzzjoni tagħhom mill-imgħoddi sa llum bl-għajnuna tal-metodu komparattiv ukoll. Fuq dawn id-drawwiet jikkonkludi: "...The fountain heads of the type of tradition we have been dealing with have been mainly Sicily and Spain, but...there is also a British contribution, hitherto unsuspected or unknown, in the development of some Maltese traditions" (paġ.39).

L-aktar studju kuraġġuż fil-ktieb li jwettaq lil Cassar-Pullicino bħala l-pijunier tal-metodu komparattiv Mediterranju f'Malta nsibuh f' "Determining the Semitic Element in Maltese Folklore". Żgur li fil-qofol tiegħu ma jridx jiddeskrivi min huma l-Maltin, (l-istess ngħidu għall-istudju l-ieħor, "Comparative Data on Some Maltese Riddles"), imma jsemmi t-tliet kawżi ewlenin ta' l-influwenza semitika fuq il-Maltin, saħansitra wara li l-Għarab telqu mill-Gżira u l-iktar fi żmien il-Kavalieri: (1) Ir-rabtiet uffiċjali ta' l-Ordni ma'

l-Għarab ta' l-Afrika ta' Fuq; (2) l-għadd kbir ta' l-ilsiera Għarab fostna u, (3) is-safar tal-Maltin lejn l-Afrika ta' Fuq u l-miġja tagħhom lura lejn Malta bid-drawwiet li laħqu ddakkru minnhom. Dawn huma t-tlieta raġunijiet storiċi. Bħala xhieda f'waqtha għal din l-influwenza jagħżel id-drawwiet tal-mewt, tat-tfulija u taż-żwieġ, u jistqarr li l-vokabolarju Semitiku fil-Malti jista' jixhed din l-influwenza Semitika fil-folklor Malti. M'għandniex x'ingħidu, kif itenni kemm-il darba Cassar--Pullicino, dan ix-xogħol mhuwiex xi ħaġa ħafifa u baqa' ħafna ġbir u studju x'isir mal-Mediterran kollu qabel ma nkunu nistgħu naslu għal xi konklużjoni definittiva. Għax wieħed ikollu jgħid ukoll li daqskemm Cassar-Pullicino jsib għajnuna fil-vokabolarju Semitiku Malti biex jiddetermina l-element Semitiku fil-folklor, daqshekk ieħor Ninu Cremona sab għajnuna bl-element Semitiku fil-lingwa biex jiddetermina l-element Romanz fil-folklor. Ngħidu aħna, ara x'kiteb Ninu Cremona fl-1921 fl-istudju tiegħu "Race, Language and Myth" *(Melita* I*)*: "Modern beliefs and customs in the Maltese Islands, as independent of the local language, are the outcome of the same Christian civilization which from pagan times down to the present era has marked the psychological evolution of European nations, and that ethnographically in this special direction they belong to those of Sicily and Italy. It is in this aspect that the most ancient myths which are still designated by a Semitic terminology, are found to answer to identical puppetries or ghostly symbols..." (paġ. 404).

L-istess problema tissemma fit-tliet kitbiet ta' wara, "The Study of Maltese Folktales", "Fr. Magri's Collection of Folktales" u "Comparative Data on Some Maltese Riddles". Dawn nistgħu nqisuhom bħala l-aħjar studji (l-ewwel tnejn komprensivi tassew) fil-letteratura popolari Maltija s'issa. Fuq kollox, il-klassifikazzjoni tal-ħrejjef ta' Magri (paġ. 68-71) u l-eżempji komparattivi (Semitici u Romanzi) fl-istilistika tal-ħrafa u tal-ħaġa moħġaġa Maltija (paġ. 75-83; 106-109), jibnu punt tat-tluq tajjeb għall-istudji serji li għad iridu jsiru fil-ġejjieni bħalma ilhom isiru f'pajjiżi oħra.

L-aħħar żewġ studji fil-ktieb iwessgħu żewġ friegħi ġodda fil-folklor Malti li s'issa ftit għadu nkiteb fuqhom. Fi "Criteria of Physical Attraction and Sex Concepts" joħroġ it-twemmin tal-Maltin fuq il-fattizzi fiżiċi tan-nisa u ta' l-irġiel, bħal fil-lewn tal-ġilda, fit-tul, fil-ħxuna, fl-għajnejn, fix-xagħar, fl-imnieħer u...xi ħaġa fuq il-bews. F' "Beliefs and Practices Relating to Birth and Infancy", Cassar-Pullicino jibni fuq il-materjal miġbur minnu stess qabel l-1947 u minn Carmelo Penza, it-tabib Pawlu Cassar u Guido Lanfranco fuq id-

drawwiet marbutin mat-tnissil tat-tarbija, mat-tqala, mat-twelid u mat-tfulija u jqabbel mal-pajjiżi l-oħra tal-Mediterran. Suġġett bħal dan hu delikat ħafna għax jolqot il-ħajja privata tal-mara u jfisser l-għala, kif igħid l-awtur, "the preparation of this study progressed very slowly..." (paġ. 204 n.4). Laqatni ħafna l-fatt li ma ngħatatx riferenza waħda għall-"couvade" bħal ma nsibu pajjiżi oħra, ħlief għal dak li jgħid it-tabib Cassar li jaf b'nisa tqal li kellhom il-ħlas tagħhom fl-"arkova" u r-raġel kellu jorqod waħdu fuq kanapè fil-kamra ta' ħdejha. (paġ.222).

Kollox ma' kollox nistgħu ngħidu li *Studies in Maltese Folklore* joqgħod tajjeb ħafna wara t-tieni edizzjoni ta' *Il-Folklore Malti* (1975) ta' l-istess kittieb. Il-biblijografija twila (paġ. 257-68) u l-werrej analitiku fl-aħħar (paġ. 269-79) jissoktaw igħollu l-livell xjentifiku tal-ktieb. U bix-xogħlijiet li beħsiebu joħroġ għal li ġej, bħal "A Handbook of Maltese Folklore", "Maltese Historical Legends" u "Logħob tat-Tfal ta' Malta u Għawdex", Cassar-Pullicino se jissokta jsaħħaħ il-post tiegħu bħala wieħed mill-bennejja ewlenin tal-folklor Malti f'dan is-seklu.